timenti poetiki. Dun Karm ma ħadimx biex ikabbar ismu u jgħolli ġieħu. Ma ħadimx biex quddiemu jinħaraq il-libien ta' tifħir u ta' ħajr. Ħsebijietu kienu wisq ogħla minn hekk. Hu, kif għandu jagħmel kull poeta kattoliku, ħares lejn il-glorja ta' Alla, il-ġid morali u intellettwali lil għajru, u l-ġieħ li bih jista' jerfa' lil Malta u lil-Lsien Malti.

Il-Poeżija tibqa' tgħix maż-żmien u ma tinqeredx. Jittiekel biż-żmien l-azzar u l-bronż u jitfarrku l-imrammi l-iżjed qawwija, iżda ma jintemmx is-*sabiħ*, miktub u mitbugħ. U, għalhekk, jibqa' Dun Karm miftakar fiż-żmenijiet li ġejja. Jibqa' Dun Karm jintgħallem u jixtered fost il-ġenerazzjonijiet li tielgħa. Jibqa' Dun Karm ħaj fis-sens liriku u artistiku. Jien inħossni żgur li 'l quddiem għad ikun hemm ħafna li s'issa għadhom ma tweldux li, mimlijin b'ġibda poetika u filosofika, jaħdmu biex iżommu ismu u l-poeżija tiegħu fil-għoli bħalma huma miżmumin il-lum. Il-lirika ta' Dun Karm titqiegħed quddiem iż-żgħażagħ tal-lum u ta' għada bħala xempju mill-aqwa u bħala tagħlim mill-aħjar tal-ħsieb għoli u tal-kitba sabiħa.

Ġużè Chetcuti.

# "IS-SUR FONS" M. GALEA

"Is-Sur Fons miet!" Din l-aħbar ġriet bħal sajjetta fi bliet u fi rħula, u tefgħet fost kull min kien jafu bħal dell ta' niket. U ħafna kienu jafuh: għonja u fqar, kbar u żgħar; u kulħadd sogħob bih, għax kulħadd, ftit jew wisq, min b'mod u min b'ieħor, ra xi ssarraf il-ħniena tiegħu. Għex ħajja ta' 80 sena, ħajja twila u mbierka mimlija ħidma sfiqa għall-ġid ta' lsienna u għall-ġid ta' ġensna. Is-Sur Fons kiteb bil-Malti, u ħadem u għanet bis-sħiħ biex ixerred ilsienna fost il-kotra. Il-ħsieb ewlieni tiegħu kien li jikteb biex igħallem lill-poplu ċ-ċkejken, lill-poplu ta' ftit tagħlim, li ma jafx ħlief jaqra bil-Malti.

Fost il-għadd kbir ta' kotba li ħareġ, l-aktar li xterdu huma, bla dubju ta' xejn, il-*Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien*,



150 ktieb b'kollox, 48 minnhom miktuba minnu. Qaleb fil-Malti ħafna mill-*Kotba Mqaddsa*, u oħrajn li għandhom x'jaqsmu magħhom bħalma huma: *Żmien il-Profeti* (1924), *Tagħlim ħafif fuq il-qari tal-Bibbja* (1932), *Tagħlim żgħir ieħor fuq il-Kotba tal-Bibbja* (1933), *Tagħlim ta' Ġesù meħud mill-Vanġelu* u *Tagħlim tal-Appostli* (1934), *Ħajja ta' Kristu Iben ta' Alla* (1933), *Ġesù u l-Appostli tiegħu* (1938), *Minn Ħolqien id-Dinja sal-Miġja ta' Kristu* (1939). U ma' dawn bosta oħrajn ta' ġid għar-ruħ.

Hu dejjem ħadem fuq sies ta' kitba reliġjuża, għax dejjem ried minn qalbu jgħallem ir-reliġjon ta' Kristu, u jxerred fost il-kotra t-tagħlim fejjiedi u mqaddes Tiegħu. Mill-kotba kollha li ħareġ nistgħu nisiltu tliet imħabbiet qaddisa: l-imħabba lejn Alla marbuta ma' l-imħabba ta' Malta mwaħħda ma' l-imħabba ta' Lsien art twelidna.

Nistħajjel, fl-aħħarnett, xi ħadd isaqsi: Għaliex is-Sur Fons qatt ma kien membru tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti"? U għaliex qatt ma kiteb bl-ortografija tal-"Għaqda"? Li nista' ngħid, u nan ngħidu għax qaluli hu n-nifsu meta għamiltlu dawn iż-żewġ mistoqsijiet xħin darba kont inkellmu : mhux għax ma kienx jaqbel magħna, u mhux għax l-ortografija tagħna ma kinetx togħġbu, imma għax ma riedx jitbiegħed mill-ortografija li kien ġa qabad u li biha kien diġà ħareġ għadd sabiħ ta' kotba.

Hu miet, iżda l-kitba tiegħu, frott ta' ħajja bieżla, u l-ġid li ħafna ħasslu minnha, ma jintemmu qatt. Imut il-kittieb imma l-kitba tibqa'.

ġ. c.

Jisgħob bina nħabbru l-mewt bla mistennija ta' Salvu Agius, wieħed mill-membri akkademiċi tal-"Għaqda" tagħna. Kien kittieb ta' għadd ta' perjodiċi bil-Malti, fosthom "Santa Tereża tal-Bambin Ġesù", "San Ġużepp", "Il-Purgatorju", "Il-Madonna ta' Pinu", "Il-Volto Sant", u oħrajn. Ħareġ rebbieħ f'xi konkorsi letterarji, darba minnhom fil-Konkors tan-Novelli mniedi mill-"Ġabra ta' Qari Malti", u darbtejn oħra fil-"Pronostku Malti". Kien ukoll kittieb ta' xi poeżiji li għalkemm jidhru li ma huma xejn għolja fil-qawwa tal-ħsieb, iżda jidher li min kitibhom kellu ħajra u xejra ġmielha għall-poeżija maltija.